Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8918 — AEA Investors/BCI/Springs)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 167/08)

1. Fl-4 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AEA Investors LP (flimkien mal-affiljati tagħha "AEA", l-Istati Uniti),

— British Columbia Investment Management Corporation (flimkien mal-affiljati tagħha "BCI", il-Kanada), u

— SIWF Holdings, Inc. (flimkien mas-sussidjarji tagħha "Springs", l-Istati Uniti).

AEA u BCI jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Springs kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AEA: fond ta' ekwità privata b'investimenti f'diversi setturi, b'mod partikolari l-valur miżjud ta' prodotti industrijali, kimiċi ta' speċjalità, il-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi u servizzi,

— BCI: investiment f'isem klijenti tas-settur pubbliku fi dħul fiss, ipoteki, ekwità pubblika u privata, proprjetà immobbli, infrastruttura u riżorsi rinnovabbli,

— Springs: manifattura u provvista ta' varjetà tal-ilqugħ tat-twieqi, pereżempju blinds, shades, shtters, purtieri u tined li jingħalqu. Springs tiddistribwixxi l-prodotti tagħha permezz tal-marki Bali, Graber, SWFcontract, Horizons, Mecho-Systems, Sunsetter, Mariak, u Patrician.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8918 — AEA Investors/BCI/Springs

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË